SANTA LUĊIJA

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 35-17**

**21 ta' Novembru 2017**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-4.30 ta' fil-għaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Liam Sciberras - Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Viċi Sindku Frederick Cutajar informa l-Kunsill permess ta' *e-mail* li ma jistax jattendi peress li ser ikun imsiefer fuq ħidma tal-Committee of the Regions

Il-Kunsilliera Caroline Galea informat il-Kunsill li ma setatx tattendi għall-laqgħa minħabba imprevist.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**35.1 Minuta Silenzju**

**35.1.1** Fuq talba tas-Sindku saret minuta silenzju b'rispett lejn is-Sur Joe Attard, Sindku taż-Żejtun li miet fil-ġurnata tas-Sibt 18 ta' Novembru 2017.

**35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**35.2.1 CCTV Camera**

Is-Sindku irrefera għall-minuta 34.2.1 u informa li biex issir CCTV Camera fis-*subway* hemm bżonn li jsir *Meter* tad-dawl. Huwa qal li jekk s-*supply* tal-eletriku jittieħed mid-dawl tal-i*street lighting*, din is-CCTV ma tiffunzjonax filgħodu meta d-dawl tat-toroq ikun mitfi. Qamet diskussjoni u ġie nutat li biex isir *meter* il-Kunsill irid jidħol fi spiża, dan meta s-*subway* taqa' taħt ir-responsabilta' ta' Trasport Malta. Is-Sindku ppropona li għalissa is-*supply* tas-CCTV *Cameras* jiġi mqabbad mal-i*street lighting* peress li din is-*subway* trid tinqala' kollha minħabba l-proġett tat-*tunnels* fi Triq tal-Barrani.

**35.2.2 Xiri ta' sistema ġdida tat-telefon**

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 34.3.2 u staqsa dwar is-sistema ġdida tat-telefon għall-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minflok *customer care* bit-telefon, il-ħaddiem taħt l-iskema tas-CIES li għandu assenjat miegħu l-Kunsill ser tibda tagħmel xogħol fuq il-*computer* li huwa aktar addattat għaliha.

**35.2.3 Arbli tad-dawl fuq iz-Zuntier tal-Knisja**

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 34.4.14 u staqsa x'kien sar biex l-arbli tad-dawl fuq iż-żuntier tal-knisja f'Dawret it-Torri jiġi mal-i*street lighting*. Is-Sindku qal li l-kappillan kien qed jagħmel arranġamenti biex is-*supply* tad-dawl jiġi mal-i*street lighting*.

**35.2.4 Bus Terminus**

Il-Kunsillier Sciberras irrefera għall-minuta 34.4.7 u staqsa dwar is-*survey* dwar il-Bus Terminus. Is-Sindku qal *lis-survey* dwar il-Bus Terminus qiegħed isir bħalissa. Huwa qal li bħalissa l-Kunsill qed jistenna r-rapport finali.

**35.2.5 Community Workers Scheme – Performance Report**

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 34.4.8 u staqsa kif baqgħu l-affarijiet fir-rigward tal-*performance report* tal-ħaddiema tal-Community Work Scheme. Is-Sindku qal li kienet ħadet ir-responsabbilta' l-kumpanija.

**35.2.6 Talbiet għal approvazzjoni minn Trasport Malta**

Il-Kunsillier Bonello staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fir-rigward ta' diversi talbiet marbuta ma' *traffic management* li kellhom isiru lill-Trasport Malta. Is-Sindku qal li sar *site meeting* ma' uffiċjali ta' Transport Malta fuq il-proposti kollha tal-Kunsill. Huwa qal li bħalissa qed nistennew il-*feedback* ta' Transport Malta f'dan ir-rigward.

**35.2.7 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 34-17 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill presenti għall-laqgħa.

**35.3 Affarijiet Finanżjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**35.3.1 Kwotazzjonijiet Għall-Xiri ta' Bollards**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni ta' diversi tipi ta' *bollards*. Is-Sindku għażel tip ta' *bollards* li huma addadati għall-*area* fejn ser jitwaħħlu u qal li dawn jistgħu jiġu sew *fixed* kif ukoll jinqalgħu. Il-prezz ta' dawn il-*bollards* li huwa fost l-orħos tal-kwotazzjonijiet miġbura jammonta għal €90.00+Vat għal *bollards fixed* u €125.00 *plus Vat* għall-*bollards* mhux *fixed*. Il-Kunsill qabel li għandhom jinxtraw żewġ *bollards* tat-tip *fixed* għal Pjazza 7 ta' Lulju n-naħa taċ-*Chess Board* u erba' *bollards* li jkunu jistgħu jinqalu, tnejn għal quddiem il-ħwienet fi Triq Inez Soler u tnejn ħdejn il-Kappella fi Triq Inez Soler.

**35.3.2 Kwotazzjoni għal xiri ta' Time Attendance Stand Alone Equipment**

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal sistema ta' *Time Attendance* għal prezz ta' €141.60.

**35.3.3 Approvazzjoni għal xiri ta' żewġ *stands* għall-*mics***

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet diversi kwotazzjonijiet għal xiri ta' żewġ *stands* għal *mics* li juża l-Kunsill mal-PA *System*. Il-Kunsill approva l-orħos kwotazzjoni li kienet tammonta għall-ispiża totali ta' €49.80(Vat inkluż)

**35.3.4 Approvazzjoni għal-dawl tal-Milied**

Is-Sindku ressaq kwotazzjoni ta' €1110.00 għal dawl tal-Milied biex jinxtegħlu wkoll dawn it-toroq kif ġej:

- Triq Gardenja
- Dawret it-Torri
- Triq Prinjoli
- Vjal Oleandri minn quddiem blokk 2 sa blokk 4
- 2 siġriet, forma ta' siġra tal-Milied li hemm fil-Ġnien Ċiniż

Qamet diskussjoni fuq d-dawl fid-daħla ta' Santa Luċija. Ġie deċiż li jinxtgħel ukoll id-dħul kemm il-darba jkun hemm arblu ma fejn jaqbad il-fustun. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill diġa approva kwotazzjoni għal tiżjin ta' toroq fil-ġranet tal-Milied. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol ser isir minn kuntrattur ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irid jara x'dawl irid jagħmel minn żmien qabel ħalli tkun tista issir sejħa u jinġiebu kwotazzjonijiet. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jingħata €800.00 mill-fond tan-nar li qed jalloka r-Reġjun Nofsinhar u dawn il-fondi jistgħu jintużaw għal dan il-għan.

**35.3.5 Kwotazzjoni biex jiġi rranġat ċint f'Dawret it-Torri**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet kwotazzjoni għal manutenzjoni ta' ċint f'Dawret it-Torri. Il-Kunsill talab li tinġib kwotazzjoni oħra sal-laqgħa li jmiss.

**35.3.6 Kwotazzjoni għal xiri ta' Dual Mics**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet kwotazzjoni għal xiri ta' *cordless dual mics* għall-*live streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill. Hija qalet li peress li fl-aħħar laqgħa is-*sound* ma kienx tajjeb kienet ġabet it-*technician* biex jiċċekkja s-sistema. Hija pproponiet li l-Kunsill jara kif ser ikun is-

*sound* tal-*live streaming* ta' din il-laqgħa qabel jidħol għal spiża biex jinxtraw *dual mics* addizjonali.

**35.3.7 Kwotazzjoni għal manutenzjoni tas-CCTV Cameras fi Ġnien is-Serenita'**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet kwotazzjoni għal xogħol ta' manutenzjoni fuq il-*cable* tas-CCTV *Cameras* li hemm fi Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill qabel li din il-kwotazzjoni għandha terġa titressaq fil-laqgħa li jmiss.

**35.3.8 Approvazzjoni għal servizz ta' applowdjar ta' tenders u kwotazzjonijiet fis-sistema tal-EPPS**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet kwotazzjoni għall-servizz ta' applowdjar ta' *tenders* u kwotazzjonijiet fuq is-sistema tal-EPPS. Il-kwotazzjoni hija fir-rigward ta' tlett kuntratti li ser jagħlqu fl-ewwel tlett xhur tas-sena u tammonta għall- €105, €105 u €120. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni għal dan is-servizz.

**35.3.9 Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM 35-17 għall-perjodu bejn it-20 ta' Ottubru 2017 sat-13 ta' Novembru 2017 u minn *cheque* numru BOV6950 sa numru BOV6979.

**35.4 Rapport Finanzjarju li jkopri l-perjodu 1 ta' Jannar 2017 u t-30 ta' Settembru 2017**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet rapport finanzjarju għall-perjodu hawn fuq imsemmi li ġie mħejji mill-*Accountant* tal-Kunsill li tirrappreżenta lill-D Consulta u li kienet preżenti għall-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat *overview* għal dan il-perjodu li kien juri l-ħlas ta' zewġ pagamenti oħra taħt l-iskema tal-PPP. Fil-kummenti tagħha l-*Accountant* qalet li f'dan il-perjodu ma kienx hemm infieq straordinarju u r-rapport finanzjarju juri *surplus* ta' €42,795.00. Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**35.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**35.5.1 Servizz ta' Kuratur tal-Ġnien**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser ikunu qed jiġu riveduti s-siegħat tas-servizz tal-Kuratur tal-Ġnien biex dawn ikunu mqassma fuq il-ġimgħa kollha minflok is-Sibt u l-Ħadd. Huwa qal li d-differenza ser tkun dik ta' siegħa fil-ġimgħa. Il-Kunsill ma sabx oġġezjoni għal din il-proposta.

**35.5.2 Fondi mir-Reġjun Nofsinhar**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li waqt l-aħħar laqgħa tar-Reġjun ġie infurmat lir-Reġjun Nofsinhar kien ser jagħti s-somma ta' €5000.00 biex jintużaw fuq bankini. Huwa pproponi li l-Kunsill jagħmel il-bankini fi Triq Bruka u Triq Maria De Domenicis quddiem dawk il-ħames t'idjar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jridu jinġibu l-istimi biex dawn jidħlu fil-*budget* għas-sena 2018.

**35.5.3 Aerobic Classes**

Is-Sindku forma l-Kunsill li l-Ministeru għas-Saħħa, bħala parti mill-programm Piż Tajjeb Tul Ħajtek, ser tkun qed torganizza *aerobic classes* fil-*basement* tal-Knisja Parrokjali kull nhar ta' Ġimgħa. Ġie nutat li min jixtieq jipparteċipa irid l-ewwel japplika u jistenna sakemm jibgħatu għalih.

**35.5.4 Europe For Citizens - Proġett FLOWS**

Il-Kunsill qabel li dan il-proġett isir fix-xahar ta' Marzu 2018. Ġie deċiż li għandu jsir kuntatt mal-lukandi żgħar fil-viċin biex jinġiebu kwotazzjonijiet għall-akkomodazzjoni tal-

parteċipanti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed taħdem biex iġġib l-approvazzjoni tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali biex jiġi ffirmat il-ġemellaġġ ma' Lubriano li ser ikunu qed jipparteċipaw f'dan il-proġett.

**35.5.5 Librerija Pubblika**

Il-Kunsill laqgħa talba tal-librara biex tagħlaq tlett ijiem fix-xahar ta' Diċembru 2017. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru avviżi biex il-pubbliku jkun infurmat bil-ġranet li fihom il-librerija ser tinżamm magħluqa.

**35.5.6 Bins għall-ħwejjeġ għar-riċiklar**

Is-Sindku qal li l-*bin* għal ħwejjeġ qed jintela' malajr u saret proposta lill-Kunsill biex jitpoġġa *bin* ieħor. Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel li jitpoġġa *bin* ieħor dahar ma dahar dak eżistenti.

**35.5.7 LESA-Kampanja Edukattiva**

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar Traffic Education Campaign li qed torganizza il-LESA għal persuni ta' kull eta. Huwa qal li permezz ta' din l-attivita titwassal informazzjoni lill-pubbliku sabiex jagħraf aħjar is-sigurezza fit-toroq. Il-Kunsill qabel li din l-inizjattiva għanda tiġi kkordinata maż-żgħażagħ tar-Right 2 Smile u mal-anzjani fid-Day Care Centre.

**35.5.8 Bus Terminus**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill *e-mails* li ntbagħtu lill-Kunsill minn resident dwar il-Bus Terminus. Huwa qara l-*e-mails.* Il-Kunsill sostna il-pożizzjoni tiegħu, dik li jistenna r-rapport tas-*survey* dwar il-Bus Terminus.

**35.5.9 Talba għall-kumpens**

Il-Kunsill approva talba għal kumpens minn sid ta' vettura dwar ħsara fit-*tyre* li ġiet ikkawżata minn musmar li baqa' mal-art meta nqalet parti minn *rubber hump.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ammont ta' €45.00 jaqa taħt l-*access* tal-polza tal-assigurazzjoni għaldaqstant dawn iridu jitħallsu mill-Kunsill.

**35.5.10 Talba għal użu ta' Ġnien is-Serenita'**

Il-Kunsill laqgħa talba li saret mill-Iskola Primarja ta' Ħal Tarxien biex jużaw il-Ġnien biex itellu Sport' Day**.**

**35.5.11 Talba għal użu tal-Pavillon fil-Ġnien is-Serenita**

Il-Kunsill laqgħa talba biex jiġi organizzat *coffee morning* għall-anzjani tad-Day Care Centre tal-lokalita' tal-Mellieħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mill-informazzjoni li għandha dawn ġejjin iżuru l-Ġnien Ċiniż u wara imorru għal *cafe'* fit-Tea Room. Hija qalet li wara jkun imiss lill-anzjani tad-Day Care Centre biex iżuru l-lokalita' ta' Mellieħa.

**35.5.12 Sistema ta' CCTV Cameras**

Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret ma' resident minn Santa Luċija li huwa espert fuq is-CCTV Cameras. Huwa qal li dan ir-resident offra b'mod volontarju li jagħti pariri tekniċi lill-Kunsill dwar sistema ta' CCTV Cameras f'diversi siti fil-lokalita'. Huwa spjega li ser isir proċess ta' *market research* biex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li joħroġ l-ispeċifikazzjonijiet li għandu bżonn biex tkun tista' tinħareġ sejħa pubblika għall-akkwist ta' dawn is-CCTV Cameras. Ġie deċiż li dan il-proċess jibda fix-xahar ta' Jannar 2018.

**35.5.13 Tiġdid tal-Polza tal-Assigurazzjoni tal-Kunsill**

Il-Kunsill qabel li jġedded il-Polza tal-Assigurazzjoni li għandu ma' Island Insurance għal perjodu ta' sena.

**35.5.14 Ilment/Suġġeriment Numru 62-2017**

Il-Kunsill innota suġġeriment biex jitneħħew tlett *parking spaces* d'Dawret itTorri int u ħiereġ lejn tal-Barrani u flokhom isir *parking space* bil-ħinijiet għall-Minibus. Ġie suġġerit wkoll li jsir *parking space* għal *coaches* quddiem Ġnien is-Serenita'.

**35.5.15 Ilment/Suġġeriment Numru 63-2017**

Il-Kunsill innota suġġeriment biex il-*bollards* fi Trejqet il-Ġirasol fin-naħa ta' Dawret it-Torri isiru eħfef biex ikunu jistu jinqalu biex jidħlu bil-karrozzi meta jkollhom xirja jew f'każ ta' abbulanza. Il-Kunsill wara li nnota li f'dik il-parti tat-triq m'hemmx entraturi għall-appartament, ma laqgħax dan is-suġġeriment għax jista jagħti lok għall-abbuż.

**35.6 Ftehim mal-Iskemi Dwar Ġbir ta' Skart Separat**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-ftehim eżistenti dwar Ġbir ta' Skart Separat issa skada u hi kienet kitbet liż-żewġ skemi jiġifieri Green Pak u Green Mt biex jibgħatu l-proposti tagħhom fi żmien ħames t'ijiem skond Memo 33-2015. Hija qalet ukoll li f'komunijazzjoni mad-Dipartiment Għall-Gvern lokali hija kienet ġiet infurmata li għalkemm l-ittra li intbagħtet mill-Kunsill ma tmurx kontra l-*memo* imsemmija il-Kunsill għandu dejjem jinforma lill-operaturi ekonomiċi, bid-data sa meta l-Kunsill Lokali ser jaċċetta l-offerta. Hija qalet li għalhekk ser terġa tikteb lil wieħed mill-operaturi li għadu ma bagħtx il-proposta tiegħu skond l-istruzzjonijiet tad-Dipartiment.

**35.7 Ġieħ Santa Luċija**

Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier Liam Sciberras biex Ġieħ Santa Luċija 2017 jingħata wkoll lill-ex-Kappillan, Rev.Kannonku Charles Attard.

**35.8 Bring In Site fi Triq Ineż Soler**

Il-Kunsill iddiskuta *e-mail* li bagħt il-Viċi Sindku dwar talba biex tersaq il-*bring in site* li hemm fi Triq Inez Soler. Ġie deċiż li l-Kunsill jara sew l-effett li jista' jkollha din it-talba u jħalli d-deċiżjoni għall-laqgħa oħra.

**35.9 Skip f' Wied Garnaw**

Is-Sindku tkellem dwar l-iskip li hemm f'Wied Garnaw u dwar talba minn resident li joqgħod viċin biex din l-iskip titneħħa. Qamet diskussjoni dwar din il-proposta. Is-Sindku qal li l-Ministeru għall-Ambjent kellu jwettaq xogħol ta' tindif fil-Wied fejn ser isiru wkoll xi bankijiet u *bins*. Il-Kunsill qabel li kif isir dan it-tindif u l-*upgrading*, l-iskip għandha titneħħa.

**35.10 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**35.10.1 Mistoqsija mill-Viċi Sindku dwar arbli tal-GO**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Viċi Sindku bagħt *e-mail* fejn qed jistaqsi jekk kienx hemm permess biex ġew installati arbli tal-GO fi Vjal Oleandri k/n Triq Begonia u Triq Fortizza f'dawn l-aħħar xahrejn. Ġie nutat li l-permessi li kien hemm kienu biss għat-*trenching works*. Ġie deċiż li għandha ssir komunikazzjoni mal-GO dwar l-installazjoni ta' dawn l-arbli.

**35.10.2 Mistoqsija mill-Kunsillier Liam Sciberras**

Il-Kunsillier Sciberras staqsa kif ma kienetx saret lapida fuq skultura tal-artist Antoinne

Farrugia li tpoġġiet fil-Picnic Area. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser iġib id-dettalji neċessarja biex issir lapida.

Il-Kunsillier Sciberras staqsa wkoll fuq ċint fi Pjazza 7 ta' Lulju u saret diskussjoni jekk dan għandux jgħola iżjed. Huwa qal li quddiem il-ħanut ta' Gafa` hemm *slabs* li għolew bl-għeruq tas-siġar u diġa kien hemm persuna li waqgħet kawża ta' hekk.

**35.10.3 Mistoqsija mill-Kunsillier Bonello**

Il-Kunsillier Bonello staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq it-*traffic light junction* fi Triq Luqa. Huwa tkellem ukoll fuq Triq Peprin u qal hemm bżonn laqgħa mal-Ministru ikkonċernat fuq din it-triq li hi mkissra kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser ikun hemm kordinazzjoni bejn il-Kumitat dwar ir-*resurfacing* tat-toroq u l-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal li Triq Pepprin hija msemmija mal-ewwel toroq li ser isiru.

**35.11 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Ma kien hemm l-ebda diskussjoni dwar dan l-*item.*

**35.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fil-7.00p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 18 ta' Diċembru 2017 fl-4.30p.m

Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2017

| | |
|---|---|
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |